1 ta' Marzu, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;

Il-Pulizija *versus* Salvu Curmi et.

## Storbju, Ġlied u Offiżi — Uniċità ta' Reat — Inseparibilità Aċċidentali u Inseparibilità Naturali jew Ġuridika.

*Meta l-konnessjoni bejn żewġ reati hija aċċidentali biss, ma hux il-każ ta' uniċità ta' reat. Biex ikun hemm reat uniku jeħtieġ li l-vjolazzjonijiet tal-liġi jkunu konnessi ma' xulxin b'mod illi, meta tiġi kommessa vjolazzjoni waħda, tabilfors tiġi kommessa l-oħra, u l-konnessjoni tkun ġejja mill-fatt stess, u mhux aċċidentalment; u għalhekk tkun ġuridika jew naturali.*

*Ir-reat ta' storbju bil-ġlied, għalhekk, mhux assorbit fir-reat ta' offiżi li jiġu kaġunati fil-ġlied; għax l-istorbju tal-kwiet tal-pubbliku mhux neċessarjament isir bil-ħbit u swat u offiżi. Bil-konsegwenza illi, jekk il-persuna offiża waqt dak l-istorbju u ġlied tirrinunzja għall-offiżi minnha riportati, ikun hemm estinzjoni ta' l-azzjoni għall-offiżi, imma jibqa' r-reat ta' l-istorbju.*

Fuq l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputati talli l-Marsa, fid-9 ta' Settembru 1951, f'xi l-10.30 p.m., f'St. Francis Street, għamlu storbju bl-għajjat u billi ġġieldu flimkien, u f'din il-ġlieda Teresa Curmi, b'oġġetti iebsa, għamlet feriti ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira skond iċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. C. R. Zammit, M.D., fuq il-persuna ta' żewġha Salvu Curmi, u Salvu Curmi sawwat lil martu Teresa, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-23 ta' Ottubru 1951, wara li rat il-verbal fejn l-imputati ħafru lil xulxin, u wara li rrilevat illi l-istorbju jikkonsisti fi ġlied, u għalhekk huwa assorbit u hemm rinunzja, iddikjarat l-azzjoni estinta stante rinunzja;

L-Attorney General appella fuq l-akkuża ta' storbju bl-għajjat;

Il-Qorti semgħet............;

Mill-provi rriżulta li bejn iż-żewġ imputati kien hemm ġlieda fit-triq b'għajjat u tgħajjir reċiproku, u l-imputat Sal-

vu Curmi ħabat għal martu u sawwatha, imbagħad ħabat għal terza persuna wkoll, u għalhekk martu Teresa Curmi tagħtu daqqa ta' flixkun, u milli jidher darbitu ħafif ħafif. F'dawn il-fatti l-Qorti tara sew ir-reat tad-disturb tal-kwiet tal-publiku u kemm ir-reat l-ieħor ta' ħbit, swat, u offiża ħafifa ta' ftit importanza;

Il-konnessjoni taż-żewġ reati hija aċċidentali biss; għax, kif qal l-appellant, l-istorbju tal-kwiet tal-publiku mhux neċessarjament isir bil-ħbit, swat u offiżi. Biex ikun hemm l-assorbiment b'mod li jġib uniċità ta' reat jeħtieġ li l-vjolazzjonijiet tal-liġi jkunu konnessi ma' xulxin b'mod illi, meta tiġi kommessa l-waħda, tabilfors tiġi kommessa l-oħra, u l-konnessjoni tkun ġejja mill-fatt stess, u mhux aċċidentalment, u għalhekk tkun ġuridika u naturali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell kif ġie limitat fuq l-ewwel akkuża; u wara li rat l-art. 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali, tirrevoka s-sentenza fil-kap devolut lill-Qorti, issib lill-imputati ħatjin talli kisru l-kwiet publiku bl-għajjat, u tikkundannahom għall-ammonizzjoni u riprensjoni.